MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 10/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kevin Charles Andrew Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kevin Charles Andrew Tonna talli fl-20 ta' April 2004 u matul dawn l-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer bhala persuna li ftiehem jew accetta li jixtri jew ibiegh, skrappja jew b'xi mod iehor jiddisponi mill-vettura numru BBE-264, naqas li jaghti avviz bil-miktub fi zmien sebat ijiem lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta, dwar il-bidla tas-sid jew it-twellija ta' l-imsemmija vettura.

Il-Qorti giet mitluba li tordna lill-imsemmija persuna tesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti ghaldaqshekk kif jigi

stabbilit mill-Qorti taht penali ta' ammenda ta' mhux aktar minn zewg liri kuljum fin-nuqqas;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta’ Jannar 2005, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Kevin Charles Andrew Tonna hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghal multa ta’ ghoxrin liri Maltin (Lm20), kif ukoll ordnat lill-istess imputat li jesegwixxi l-ligi fi zmien tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza taht penali ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Kevin Charles Andrew Tonna tal-21 ta’ Jannar 2005, li permezz tiegħu talab li din il-Qorti thassar tirrevoka  u tannulla s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esibiti fil-25 ta' Ottubru 2005;

Ikkunsidrat:

L-appellant gie akkuzat li ma gharrafx lill-Kummissarju tal-Pulizija jew lill-Awtorta` tat-Trasport ta’ Malta dwar il-bejgh jew skrappjar tal-vettura numru BBE-264. Mid-dokumenti esibiti fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 2005 jirrizulta li l-appellant ottempera ruhu mal-ligi fil-mori tal-kawza. L-aggravju ta’ l-appellant pero` hu fis-sens li ghalkemm huwa gie akkuzat li dak allegat kontrieh sehh fl-20 ta’ April 2004, mill-provi jirrizulta li l-bejgh tal-vettura in kwistjoni sehh fis-sena 2001, u li inoltre d-data indikata fl-imputazzjoni dedotta kienet il-perijodu li fih id-Direttur tal-Licenzji kien ta struzzjonijiet lill-Kummissarju tal-Pulizija biex johrog l-imputazzjoni in kwistjoni u ma tirreferix ghad-data meta suppost sehhet l-allegata infrazzjoni. F’dawn ic-cirkostanzi ghalhekk l-appellant isostni li kellu jigi lliberat mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu.

L-ewwel punt li jrid jigi deciz f'dan ir-rigward jirrigwarda n-natura tac-citazzjoni. Huwa ghalhekk rilevanti s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

**"Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' 1-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw."**

Issa l-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hi fis-sens li c-citazzjoni in kwistjoni mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti. Fissentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Buttigieg** fil-25 ta' Lulju 1994, intqal:

**"L-insenjament tal-qrati taghna, kemm dawk superjuri kif ukoll inferjuri, hu tista' tghid univoku u gie kristallizzat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali (li allura kienet tisma' appelli mill-qrati inferjuri) tas-6 ta' Dicembru, 1948 fl-ismijiet *Il-Pulizija v. Arthur S. Mortimer A. & C.E.* (Vol.XXXIII.iv.758) li dahlet ukoll fl-origini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 360, introdott fl-1911. Brevement, ic-citazzjoni ma hi xejn hlief avviz jew ordni sabiex il-gudikabbli jidher quddiem qorti inferjuri fil-hin u data li jigu indikati lilu, minflok ma jingieb quddiem dik il-qorti taht arrest (Art. 360(1)). Din ic-citazzjoni ma hix il-bazi tal-akkuza, bhalma hu l-kaz tal-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. L-akkuza jew imputazzjoni tigi profferita fil-qorti inferjuri meta tinqara mill-prosekuzzjoni: *'La vera imputazione si deduce contro l'imputato dalla prosecuzione dinanzi alla Corte stessa. La lotta fra la prosecuzione e l'imputato non si impegna per mezzo della citazione, ma si impegna per mezzo della querela, della esposizione dei fatti che seguono innanzi alla Corte per parte dell'ufficiale prosecutore'* (ara sentenza citata, pagna 761). Dan ifisser li galadarba 1-persuna mharrka effettivament tidher quddiem il-qorti, il-funzjoni <u>principali</u> tac-citazzjoni (ghax hemm**

**funzjonijiet ohra, bhal, per ezempju, li l-imputat ikun jaf biex qed jigi akkuzat sabiex ikun jista' jiddefendi ruhhu sew, kif ukoll l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni) tkun giet ezawrita (ara f'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' Gunju, 1989 fl-ismijiet *I1-Pulizija vs Noel Zarb Adami*).”**

U bhalma qalet din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza moghtija fl-4 ta' Novembru 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Emanuel Buttigieg:**

**“Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita` taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini ta' pratticit`' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe` biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti jkun jaf fuqhiex ikun gie mharrek, u hekk dakinhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta.**

**.....**

**Dan kollu premess ifisser li c-citazzjoni li jkun fiha l-ordni lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati qatt ma tista' tkun nulla, kemm jekk tkun tikkontjeni kif ukoll jekk ma tikkontjenix dettalji korretti jew skorretti tal-fatti. F'ebda kaz dik ic-citazzjoni ma ggib in-nullita` tal-proceduri sussegwenti, kompriza s-sentenza.”**

Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali jirrikjedi biss li c-citazzjoni jkun fiha l-fatti ta' l-akkuza. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Philip Schembri** moghtija fit- 18 ta' Novembru 1994 minn din il-Qorti (diversament presjeduta), gie spjegat:

**“Dawn il-fatti, naturalment, iridu juru b'mod car ir-reat li tieghu l-persuna tkun qed tigi imputata, minghajr il-htiega ta' tigbid ta' kliem jew immaginazzjoni, jigifieri b'mod li l-imputat ikun jaf ta' liema reat jew reati qed jigi akkuzat u ghal liema reat jew reati jrid iwiegeb.”**

Fil-kaz in ezami m'hemmx dubju li l-fatti tal-kaz huma ben spjegati. Kwantu ghad-data mbaghad, ghalkemm il-prosekuzzjoni llimitat l-imputazzjoni ghal perijodu partikolari, u cioe` "l-20 ta' April 2004 u matul dan l-ahhar xhur", hawn si tratta ta' *"a continuing offence"*, ossia reat permanenti. Ir-referenza fl-imputazzjoni ghall-20 ta' April 2004 u l-ahhar xhur qabel dik id-data mhijiex referenza ghad-data meta sar l-allegat trasferiment jew skrappjar tal-vettura in kwistjoni izda hija referenza ghall-fatt li kemm fl-20 ta' April 2004 kif ukoll ghax-xhur ta' qabel kien ghadu ma nghatax l-avviz bil-miktub rikjest mil-ligi.

Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant huwa michud.

Peress illi fil-mori tal-kawza l-appellant ottempera ruhu mal-ligi, m'ghadx hemm lok ghal ordni skond l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9. Barra minn hekk, peress illi hawn si tratta ta' reat ta' natura kontravvenzjonali, il-piena mhijiex dik ta' *multa* izda ta' *ammenda*.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u, filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni dedotta, tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-hlas ta' *multa* ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20) u in kwantu ordnatu li jesegwixxi l-ligi fi zmien tliet xhur mid-data tas-sentenza taht penali ta' zewg liri Maltin (Lm2) kuljum fin-nuqqas, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' ghoxrin liri Maltin (Lm20).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------